**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum, 20 t'April 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Joseph Agius**, iben Giuseppi u Michelina *nee'* Gerada, mwieled Haz-Zabbar, nhar it-8 ta' Novembru, 1950, residenti gewwa 81, Triq Biccieni, Sqaq il-Logga, Haz-Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 938850(M), akkuzat talli;

1. Fit-12 ta' Novembru, 2020, ghall-habta ta' 10:30hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa *Smart City*, limiti tal-Kalkara u fil-gzejjer Maltin, ma ssodisfax il-kundizzjonijiet fil-progett tal-Gvern ghar-ricerka fuq seba' speci tal-ghasafar tal-ghana fil-harifa tal-2020 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi skond Avviz Legali numru 399 tal-2020 u kull ligi ohra *cioe'*;

2. Bhala persuna licenzjata u awtorizzata sabiex tippartecipa fil-progett ta' ricerka ghas-seba' speci tal-ghasafar tal-ghana, ghamel uzu minn mansab li ma giex registrat f'ismu ghas-sena 2020 fl-istadju tal-applikazzjoni, bi ksur ta' kundizzjoni numru 8 tal-Licenzja Specjali hekk kif mitlub minn Regolament 7 (d) ta' A.L. 399 tal-2020.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li fit-12 ta' Novembru 2020 ghall-habta tal-10am, l-qua imputat gie osservat minn membri tal-CABS jonsob ghall-ghasafar tal-ghana waqt stagun miftuh ghall-insib b'licenzja specjali u dan fl-inhawi ta' Smart City, limiti tal-Kalkara. Il-CABS infurmaw b'dan kollu lill-pulizija. Meta l-pulizija marru fuq il-post setghu jinnotaw mansab attiv (mdawwar ukoll bl-ghasafar tal-ghana) u l-imputat kkonferma maghhom li kien qed jonsob ghall-ghasafar tal-ghana. Provdielhom licenzja specjali. Madanakollu sussegwentament il-pulizija rceviet rapport ulterjuri jinfurmahom li l-qua imputat kien qed jonsob minn fuq sit mhux irregistrat. Rapprezentant tal-WBRU kkonferma dan. L-imputat ammetta li huwa minnu li hu ma kienx qed jonsob fuq is-sit indikat mal-WBRU izda spjega li meta kien mar jirregistra ghal-licenzja specjali mal-WBRU kien hemm persuna li skond hu ma kienx jafha qabel u immarkalu l-mappa hu. Wara li l-pulizija kellmuh rigwardanti l-kaz odjern huwa kien irranga l-applikazzjoni tieghu mal-WBRU.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputat kien qed jonsob minn sit mhux ir-registrat ghaldaqstant l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew sodisfacentament ippruvati.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolament 7(d), 8 u 9 tal-Avviz Legali 399 tas-sena 2020, qed isib lill-qua imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' Eur. 500.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 u r-regolament 8 tal-Avviz Legali 399 tas-sena 2020, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess relevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur